MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru. 59/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Walter-Michael Farrugia**

Kaz numru 59/2012

Illum 31 ta’ Ottubru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Walter-Michael Farrugia**, ta’ disgha u tletin (39) sena, bin George u Theresa neé Portelli, imwieled ir-Rabat Ghawdex, nhar it-2 ta’ Settembru 1972, residenti ‘Lighthouse’, Triq il-Fanal, Ghasri, Ghawdex u detentur

tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 21772G, akkuzat talli nhar it-12 ta’ Marzu 2012 gewwa r-Rabat Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f’hinijiet differenti;

1. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kumercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi izzid jew ibiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioé numru ta’ registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra FBP994;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijeit jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioé road licence falza bin-numru jaqra FBP994;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-pjanci foloz bin-numru tar-registrazzjoni ta’ vettura jaqra FBP994;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz

billi ghamel uzu min-road licence falza bin-numru FBP994;

5. Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ghamel uzu minn numri ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dawk moghtija mill-Awtorita' Kompetenti fuq vettura bil-mutur u cioé ghamel uzu minn numru tar-registrazzjoni foloz jaqraw FBP994.

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat u l-fatt li jirrizulta li l-imputat kkoopera mal-Pulizija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 183, 184 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-

applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------